**QORTI ĊIVILI - PRIM'AWLA**

**IMĦALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Ħamis, 27 ta' Ġunju 2024**

**Kawża Numru: 8**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1247/2023 JVC**

**Abramczyk Mary u Abramezyk Michael sive Abramczyk Michael**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat fejn ir-rikorrenti Dylan Mintoff et talbeu kif isegwi:

1. 'Illi, preliminarjament jiġi rilevat li dan ir-rikors qiegħed jiġi redatt u ppreżentat lil dina l-Onorabbli Qorti *ai termini* tal-**Art. 253** *et seq.* tal-**Kodiċi Ċivili [Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta]**;

2. Illi, l-attriċi rikorrenti żżewġet nhar l-**24.02.1978** ġewwa l-Belt, Valletta, u li minn liema żwieġ twieled it-tifel nhar is-**16.03.1979** ġewwa l-isptar San Luqa, Pieta, kopja ta' liema ċertifikat taż-żwieġ qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **DOK 'A';**

3. Illi, Herbert Abramcyk miet fil-**11.08.2024** ***(recte mill-Qorti ghal 2004)*** u dan kif muri aħjar fiċ-ċertifikat tiegħu tal-mewt, kopja ta' liema ċertifikat qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **DOK 'B'** bi traduzzjoni għall-lingwa ingliża;

4. Illi, kemm-il darba il-kunjom tal-ġenituri ġie riprodott fedelment fiċ-ċertifikat taż-żwieġ, ossija **'Abramczyk'**, dan ma kienx il-każ pero' f'dak li jirrigwarda ċ-ċertifikat tat-twelid stante li l-kunjom tal-ġenituri ġie mniżżel bħala **'Abramezyk'** (emfasi tal-esponenti), u dan mingħajr ebda tort tal-ġenituri, kopja ta' liema att tat-twelid li jġib in-numru progressiv **1510** tas-sena **1979** qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala **DOK 'C'**;

5. Illi, subordinatament, saħansitra kunjom l-omm jidher spellut korrettament anke fil-karta tal-identita' tagħha u kif ukoll dak tal-korikorrenti binha, kopja ta' liema karti tal-identita' qegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala **DOK 'D'** u **'E';**

6. Illi, l-kunjom li jidher fil-kolonni intestati *'Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur'* huwa **'Abramezyk'** u mhux **'Abramczyk'**, liema iterazzjoni ta' dan il-kunjom ma jirriżulta minn ebda dokument uffiċjali li l-koppja Abramczyk kienu ppreżentaw lill-awtoritajiet dak iż-żmien;

7. Illi, r-rikorrenti jixtiequ u jridu li l-kunjom tal-ġenituri jiġi kkoreġut sabiex jaqra **'Abramczyk'** minflok **'Abramezyk'**;

Għaldaqstant, umilment jitolbu r-rikorrenti, a tenur tal-provi dokumentarji kollha hawn annessi, kif ukoll dawk il-provi kollha produċibbli fl-istadju opportun tas-smigħ ta' dan ir-rikors, sabiex dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex:

1. Fl-Att ta' Twelid bin-numru progressiv **1510** tas-sena **1979** li jirreferi għat-twelid **Michael Abramezyk** li seħħ nhar is-**16.03.1979**, kull fejn jidhru il-kunjomijiet **'Abramezyk',** jiġu sostitwiti bil-kunjom **'Abramczyk'**;

2. Tordna li t-tibdil fl-Att ta' Twelid ta' **Michael Abramczyk** jiġi rifless f'kull Att tal-Istat Ċivili relattiv għalih a tenur l-**Art 253(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

3. Tagħti kwalsijasi ordni jew direttiva li jidrilha opportuna u xierqa fiċ-ċirkostanzi.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku li taqra kif isegwi:

**1.** 'Illi preliminarjament, l-esponent huwa tal-umli fehma illi r-rikorrenti għandhom jitolbu illi ssir id-debita korrezzjoni fl-okkju tal-kawża istanti ai termini tal-artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, stante illi l-karta tal-identità tar-rikorrent Michael indikata fl-okkju tal-proċeduri odjerni, li hija Ġermaniża, turi l-kunjom Abramczyk u mhux Abramezyk. Tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, isem ir-rikorrent Michael fl-okkju għandu jiġi indikat bħala 'Michael Abramezyk sive Abramczyk'. In oltre, hemm ukoll żball fejn

jingħad "Rikors Ġuramentat ta' **Mary Abramczyk,** detentriċi tal-karta tal-identità Maltija bin-numru **112654M** u **Michael Abramezyk,** detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru **L1N3T977R**", stante illi kif ingħad, il-karta tal-identità tar-rikorrent Michael hija Ġermaniża u mhux Maltija;

2. Illi in vena preliminari wkoll, ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

3. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi mhux edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti;

4. Illi mid-dokumentazzjoni disponibbli, jidher illi r-rikorrenti Mary Abramczyk u Herbert Abramczyk iżżewġu f'Malta fl-24 ta' Frar tas-sena 1978 u l-mara, u ċioe' r-rikorrenti Mary, skont il-liġi li kienet fis-seħħ dak iż-żmien, awtomatikament adottat kunjom żewġha 'Abramczyk';

5. Illi eventwalment, miż-żwieġ tal-koppja twieled ir-rikorrent 'Michael', u fuq l-Att tat-Twelid Malti tiegħu bin-numru 1510/1979, kunjom missieru u kunjom in-nannu patern, li huwa wkoll il-kunjom li r-rikorrent adotta awtomatikament mat-twelid, ġie indikat bħala 'Abramezyk' minflok 'Abramczyk'. Dan kif iddikjarat fil-mument tar-reġistrazzjoni tat-twelid minn missieru Herbert, kif tixhed l-informazzjoni li tinsab fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent Michael, innumerat 1510/1979, kopja ta' liema ġiet ippreżentata minnu u mmarkata 'Dok C'. Għaldaqstant huwa ċar li ma sar ebda żball mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku meta ġie rreġistrat l-att tat-twelid in kwistjoni;

6. Illi l-ilment tar-rikorrenti essenzjalment huwa li l-kunjom fuq l-att tat-twelid tar-rikorrent Michael għandu jiġi rranġat biex jaqra 'Abramczyk' minflok 'Abramezyk';

7. Illi l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però illi l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi u li r-rikorrenti jitolbu li jsiru l-korrezzjonijiet kif indikati mill-esponent fl-eċċezzjonijiet issollevati minnu;

8. Illi fir-rigward tal-ewwel talba attriċi, qed ikun irrilevat illi ai termini tal-artikolu 306(5) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, "Id-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għandu jkun l-unika persuna kompetenti biex jirrappreżenta f'kull kapaċità lir-Reġistru Pubbliku f'kull proċeduri legali taħt dan il-Kodiċi jew xi liġi oħra." Isegwi għalhekk illi l-ewwel talba kif dedotta ma tistax tintlaqa' stante illi huwa d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku l-unika persuna kompetenti biex jirrapreżenta f'kull kapaċita' lir-Reġistru Pubbliku u mhux id-Direttur (Reġistrazzjoni Ċivili), u għalhekk jeħtieġ li r-rikorrenti jirriformulaw din it-talba tagħhom;

9. Illi in oltre, fl-Att tat-Twelid ma teżisti ebda ringiela ntestata 'Isem tal-Familja' u lanqas hemm kolonni fl-istess Att tat-Twelid intestati 'Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenituri' kif jikkontendu r-rikorrenti. Fiċ-ċirkostanzi, għall-finijiet ta' kjarezza, ikun aħjar jekk ir-rikorrenti jitolbu li ssir id-debita korrezzjoni tal-ewwel talba tagħhom u jitolbu sempliċement illi kull fejn jidher il-kunjom 'Abramezyk' fuq l-Att tat-Twelid bin-numru **1510/1979,** dan jiġi sostitwit bil-kunjom 'Abramczyk';

**10.** Illi t-tieni talba wkoll hija neboluża in kwantu f'kawża għall-korrezzjoni tal-att tat-twelid tal-attur, ir-rikorrenti jagħmlu referenza għall-"Att ta' Twelid ta' **Herbert, Mary u Michael Abramczyk**", u għalhekk għall-finijiet ta' kjarezza jidher li hija meħtieġa wkoll korrezzjoni f'din it-talba;

**11.** Illi fi kwalunkwe każ, ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi sabiex ikun hemm dan it-tibdil, ir-rikorrenti għandhom jispeċifikaw liema huma dawn l-atti permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

**12.** Illi finalment, u dan mingħajr ħsara għall-premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tal-esponent u għalhekk id-Direttur intimat m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

**13.** Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti, li qegħdin jiġu nġunti in subizzjoni.'

Rat illi saret id-debita publikazzjoni skont il-Liġi esebita a fol. 12 tal-proċess.

Rat illi permezz tar-rikors tar-rikorrenti datat 3 ta' April, 2024 u d-digriet ta' din il-Qorti fil-verbal tat-23 ta' Mejju, 2024 permezz ta' liema l-Qorti awtorizzat diversi korrezzjonijiet fir-rikors guramentat, illi diversi eccezzjonijiet f'dan ir-rigward imqajjma mid-Direttur intimat gew sorvolati.

Rat illi fl-istess seduta l-partijiet ddikjaraw il-provi taghhom maghluqa;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet li giet irrekordjata;

Rat li f'dik l-istess seduta r-rikors gie differit ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat:**

Illi fil-mertu l-Qorti rat id-dokumentazzjoni annessa mar-rikors guramentat partikolarmet il-kopja tal-karta tal-identita' Maltija ta' Mary Abramczyk a fol. 9 tal-process li turi l-kunjom in kwistjoni miktub b'mod korrett u l-kopja tal-karta tal-identita' germaniza ta' Michael Abramczyk a fol. 10 li wkoll turi l-kunjom miktub b'mod korrett. Rat ukoll li c-certifikat tal-mewt ta' misier ir-rikorrent a fol. 19 tal-process juri wkoll li l-kunjom jinkiteb bhala 'Abramczyk'.

Rat l-affidavit ta' Mary Abramczyk a fol. 27 u ta' Michael Abramczyk a fol. 28 fejn it-tnejn jinsistu li l-izball fic-certifikat tat-twelid in kwistjoni ma sarx minnhom jew mill-missier izda kien

rizultat tal-kaligrafija ta' min originarjament kiteb ic-certifikat originali u kif dan konsegwentement gie nterpretat u mdahhal fis-sistema.

Il-Qorti rat il-kopji tal-atti originali esebiti waqt is-seduta tat-23 ta' April, 2004, kemm dak taz-zwieg mmarkat bhala DRP 1 kif ukoll tat-twelid mmarkat bhala DRP 2 u tqis li ma hemm l-ebda dubju li l-kalligrafija uzata fiz-zewg certifikati facilment taghti lok ghall-izball li flok l-ittra 'c' wiehed jahseb li nkitbet l-ittra 'e' in vista li min mela dawn ic-certifikati kemm dak taz-zwieg kif ukoll dak tat-twelid inzerta jikteb l-ittra 'c' b'dawra fil-parti ta' fuq taghha tant li tidher li tista tkun hemm l-ittra 'c' kif ukoll l-ittra 'e'. Tant dan seta' jwassal ghal zball li fic-certifikat taz-zwieg jidher li dan it-tidwir fl-ittra xorta gie nterpretat bhala l-ittra 'c' filwaqt li fic-certifikat tat-twelid dan it-tidwir gie nterpretat bhala l-ittra 'e' u minn hemm hareg l-izball li din il-Qorti qed tintalab li tikkoregi llum permezz tad-decizjoni odjerna. Tant ic-certifikat tat-twelid immarkat Dok. DRP 2 mhux miktub b'mod car li fuqu stess xi persuni kellhom jergghu jiktbu l-ittri f'forma kapitali sabiex suppost dan jiftiehem.

Illi in vista tas-suespost din il-Qorti hija konvinta li l-izball kif inkiteb il-kunjom fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrent ma sehhx konsegwenza ta' xi nuqqas da parti tal-genituri tieghu li rregistrawh izda konsegwenza tal-kaligrafija tal-impjegati tad-

Direttur intimat jew dawk li rraprezentawh w'ghalhekk filwaqt li t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw li huma gustifikati, tqis li f'dan il-kaz ghandu jkun id-Direttur li jaghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-proceduri odjerni. Ukoll tqis li la darba kien jidher car l-izball da parti tad-Direttur il-Qorti tiddeplora l-fatt li l-kaz odjern wasal sal-punt li r-rikorrenti kellhom jaghmlu rikors lil din il-Qorti u ma giex solvut b'mod amministrattiv.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet kollha suesposti il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi l-kaz odjern kif isegwi:

i) Tichad dawk l-eccezzjonijiet tad-Direttur intimat li huma nkompatibbli ma' dawk hawn deciz;

ii) Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-Att ta' Twelid bin-numru progressiv **1510** tas-sena **1979** li jirreferi għat-twelid ta' **Michael Abramezyk** li seħħ nhar is-**16.03.1979**, kull fejn jidher il-kunjom **'Abramezyk'** dan jigi sostitwit bil-kunjom miktub korrett u cioe' **'Abramczyk'**;

iii) Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrent u tordna li t-tibdil fl-Att ta' Twelid ta' **Michael Abramczyk** jigi rifless f'kull Att tal-Istat Civili relattiv ghalih a tenur l-**Art 253(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** limitatament ghall-atti fil-poter tad-Direttur intimat**;**

iv) Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrenti u tordna li din id-decizjoni tigi notifikata lid-Direttur intimat skont il-ligi;

Bl-ispejjez fic-cirkustanzi u ghar-ragunijiet suesposti kontra l-istess Direttur intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**27 ta' Ġunju 2024**

**Cora Catania**
**Deputat Reġistratur**
**27 ta' Ġunju 2024**